# It-toroq ta' Beltna

## *Kitba u Tagħrif*

**miġbur mis-Sur Joseph Busuttil**



Ta' kuljum ngħaddu mit-toroq tal-lokalità tagħna li wħud minnhom huma msemmija għall-personaġġi, ġrajjiet storiċi u affarijiet li huma familjari magħna, u oħrajn li l-ismijiet tagħhom iqanqlulna kurżità. Għamilt din ir-riċerka ħafifa mingħajr ma qgħadt nidħol f' ħafna dettall, għax l-iskop ta' dan l-artiklu hu li nsiru nafu aktar dwar l-ismijiet tat-toroq, u mhux li nagħti tagħrif biografiku komplut dwar il-personaġġi. L-ismijiet tat-toroq jew referenza għalihom huma miktuba b' tipa skura.

### *Il-Lokalità*

Nibdew biex ngħidu li l-belt ta' l-Isla hija peniżola, li fiha tul ta' 823 metru bi 320 metru wisgħa. Din il-belt kellha rabta mill-qrib ma' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, fosthom mal-Gran Mastri Filippu Villiers de l' Isle Adam, Ġwanni d' Omedes u l-aktar ma' Fra Claude' de La Sengle', li din l-istess belt ħadet isimha minnu. Il-belt Senglea għaddiet minn ħafna ġrajjiet sbieħ u koroħ, fosthom l-Assedju l-Kbir tas-sena 1565, il-Pesta fis-sena 1676 u fis-sena 1813, l-Inkurunazzjoni ta' l-Istatwa ta' Marija Bambina, it-Tieni Gwerra Dinjija - fejn ħafna mill-bini sabiħ u arkitettoniku li kien iżejjen din il-belt inqered, u aktar riċenti iż-żjara tal-Qdusija tiegħu - il-Papa Ġwanni Pawlu II fis-sena 1990.

Fil-belt tagħna hawn, sitta u tletin (36) triq, sitt (6) pjazez jew imsieraħ, u pjazzetta unika, bl-isem ta' Sqaq il-Ġnien.



*George Mitrovitch*



*Dom Mauro Inguanez: il-Benedittin għaref li ta xhieda ta' mħabbtu lejn l-Isla.*

### *Msieraħ*

Fl-Isla kif diġà semmejt iktar 'il fuq, hawn diversi msieraħ, fosthom **Misraħ l-Erbgħa ta' Settembru** - li jfakkarna fl-Inkurunazzjoni ta' l-Istatwa ta' Marija Bambina tal-1921; **Pjazza Francesco Zahra (1710-1773)** - pittur famuż li għamel ġieħ kbir lill-Isla; **Misraħ Ġorġ Mitrovich (1795-1885)** - li kien patrijott u ġellied għad-drittijiet tal-Maltin; **Misraħ Andrea Debono (1821-1871)** - magħruf għall-ivjaġġar tiegħu u għan-negozju fl-Ivorju; **Misraħ il-Papa Benedittu XV** - li fi żmien il-Pontifikat tiegħu, l-Kolleġġjata tagħna ġiet mogħtija l-ġieħ ta' Bażilika, u b'digriet mill-Vatikan saret l-Inkurunazzjoni ta' l-istatwa għażiża ta' Marija Bambina fis-sena 1921; **Pjazza Dom Mauro Inguanez (1887-1955)** - Benedettin, u kien Librar famuż fil-Monasteru Benedittin ta' Monte' Cassino.

### *Qaddisin u Reliġjon*

Fil-belt tagħna nsibu għadd ta' toroq imsemmija fuq tema reliġjuża jew għall-qaddisin. **Triq id-Duluri** ħadet isimha minn statwa sabiħa ta' Marija Addolorata skolpita fil-ġebel kantuniera ma' Triq il-Vitorja. **Triq il-Kunċizzjoni**; ta' min isemmi li fl-Isla għandna Fratellanza tal-Kunċizzjoni. **Triq il-Kurċifiss** tibda eżatt mill-Oratorju fejn fih hemm meqjum Kurċifiss sabiħ u devot, u fejn illum hemm ukoll l-istatwa għażiża u devota ta' Ġesu' Redentur. Din il-Fratellanza tal-Kurċifiss twaqqfet fis-sena 1715. Din il-Fratellanza hija responsabbli milli torganiżża l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. **Triq San Filippu** għandha konnessjoni mal-Knisja tal-Porto Salvo fejn hemm tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Filippu f' Mejju. **Triq San Ġiljan** ħadet isimha minn knisja żgħira ddedikata lil San Ġiljan, - Patrun tal-kaċċaturi. Ta' min isemmi li din kienet l-ewwel knisja mibnija f' din il-belt. L-ewwel darba li nbniet kienet fis-sena 1311. Il-bini tal-knisja preżenti ntemm fis-sena 1711 fuq disinn ta' Wenzu Gafà. **Triq San Ġużepp** hija waħda mit-toroq ewlenin u mit-twal ta' L-Isla. Ta' min isemmi li l-ewwel artal li ssemma wara l-artal maġġur fil-Knisja Parrokjali huwa dak ta' San

Ġużepp (sena 1602). Il-Fratellanza twaqqfet fis-sena 1666. Minn **Triq San Lawrenz** wieħed jista' jara l-Knisja Parrokjali fil-Birgu ddedikata lill-istess qaddis. Fi **Triq San Mikiel** hemm skolpita statwa sabiħa ta' l-istess qaddis li riċentament ġiet restawrata. Din l-istatwa kienet tagħmel parti mis-swar u l-forti li jdawru l-Isla u li jġibu l-isem ta' l-istess qaddis. Dawn tlestew fit-8 ta' Mejju, 1553. Infatti Jum l-Isla jiġi ċċelebrat f' din id-data. Fi **Triq San Pietru u San Pawl** hemm żewġ statwi verament sbieħ jistrieħu fuq żewġ minsuli skolpiti fil-ġebel. Waħda mill-iżgħar toroq li tmiss ma' Triq is-Sur u Triq il-Ponta hija **Triq Santa Katerina**. Minn **Triq Sant' Anġlu** wieħed jista' jara l-kastell Sant' Anġlu f' tarf il-belt antika tal-Birgu. Fl-Isla, ma tistax ma ssibx triq imsemmija għal Omm il-Madonna, **Triq Sant'Anna**. Triq li tinsab wara l-knisja ta' San Filippu hija **Triq il-Portu Salvu**. L-isem ġie mill-istess Titular tal-Knisja ta' San Filippu. L-aħħar triq li rrid insemmi hija **Triq Sant'Ursola**.

## *Storja u Rkejjen Storiċi*

Għadd ta' toroq fil-belt tagħna, huma msemmija għall-ġrajjiet storiċi li sawru din il-belt.

**Triq il-Miġja tal-Papa** ssemmiet b' tifkira taż-żjara



*Triq is-Sirena, li ħadet isimha minn "Villa Sirena". Din tiġi qrib ix-xatt li kien jissejjaħ "Tax-Xwieni".*
*(Ritratt: C. Kininmonth)*

tal-Qdusija tiegħu, il-Papa Ġwanni Pawlu II, fis-26 ta' Mejju, 1990, fost il-ferħ kbir tal-poplu Senglean. **Triq il-Vittmi tal-Gwerra** flimkien ma' monument maħdum mill-iskultur Ġanni Bonnici jffakkru l-vittmi Sengleani tat-Tieni Gwerra Dinjija. **Triq D'Homedes** tfakkarna f' dan il-Gran Mastru li kellu konnessjoni sewwa ma' l-Isla. Fis-sena 1537, fl-Isla bena villa b' appartamenti għalih mill-isbaħ u għall-qaddejja tiegħu. Ma' din il-villa kellu ġnien u razzett kbir b' kull xorta ta' annimali. Fil-fatt, fl-istess triq tinsab bħall-pjazzetta żgħira bl-isem ta' **Sqaq il-Ġnien**. **Triq il-31 ta' Marzu, 1979**, tfakkarna fl-egħluq tal-bażi Ingliża f' Malta. Fi **Triq il-Ħabs l-Antik** tinsab dar kbira u antika, fejn fiha nstabu ċelel maqtugħin fil-blat. Din id-dar tinsab quddiem l-Iskola Primarja. **Triq is-Sirena** ħadet l-isem minn grotta fix-xatt imsejħa *"Tas-Sirena"*, għaliex mas-saqaf kien hemm skolpita fuq il-blat figura ta' sirena. **Triq il-Maċina** twasslek għal struttura magħrufa bħala l-Maċina. Bini li ilu jeżisti minn żmien il-kavallieri, jiġifieri mis-sena 1629. Permezz ta' dan il-bini, kienu jitqiegħdu l-arbli li kienu jinqalgħu minn fuq l-opri tal-baħar, sabiex setgħet tkun tista' ssir it-tiswija tax-xwieni. **Triq il-Vitorja** hija t-triq prinċipali ta' din il-belt. L-isem tagħha jfakkarna fiż-Żewg Assedji li għaddiet minnhom Malta, u wisq aktar din il-belt . **Triq iż-Żewġ Mini** hija l-itwal triq fl-Isla. Din tibda mid-daħla tal-mini ta' l-Isla u twasslek sa ġnien magħruf sew f' Malta, bħala Ġnien il-Gardjola.

Ma' kull knisja jkun hemm Oratorju, u tagħna mhux eċċezzjoni, għalhekk fil-ġenb tal-knisja tinsab **Triq l-Oratorju**. Il-belt ta' l-Isla hija kważi kollha mdawra bis-swar, u għalhekk ma jistax jonqos li ma jkunx hemm **Triq is-Sur**. Din it-triq hija kollha protetta minn sur li jibda mill-mina sa ġnien il-Gardjola. Minn **Triq l-Arkati** wieħed jista' jara veduta sabiħa tal-Port il-Kbir. F' din it-triq hemm arkata fejn l-oħra, li jservu ta' kenn lir-residenti tat-triq.

## *Personaġġi*

**Triq l-Arċisqof Mattei** tfakkarna fl-ewwel Isqof Malti li mexxa d-Djoċesi Maltija. L-Arċisqof Mattei kien iben din il-Belt. Ġie maħtur Arċisqof ta' Malta mill-Papa Pawlu VII fit-30 ta' April, 1807.



*Mons. Ferdinando Mattei: Senglean li kien Isqof titulari ta' Pafo, u mbagħad Isqof ta' Malta u Arċisqof titulari ta' Rodi.*

**Triq Dingli-Cornelio** hija msemmija għal din il-koppja benefattriċi ta' Dar Sant'Anna, residenza għall-anzjani fl-Isla. Nikola Dingli kien mis-Siġġiewi u martu Madalena, bint Ġużeppi Cornelio kienet





*Nikola Dingli u Madalena Cornelio: żewġ Sengleani li, b'testment ħallew darhom biex tiġi trasformata f'Ospizju għal nisa nvalidi.*

mill-Isla. Bl-atti tan-nutar T.V. Bonnici tat-3 ta' Marzu, 1794, huma ħallew ġidhom kollu favur din l-opra ta' beneficċjenza.

It-telgħa li twassalna sal-mini ta' l-Isla jisimha **Triq Mons. Ignazio Panzavecchia (1855-1925)**. Dan is-saċerdot politiku ġie elett Prim Ministru fis-sena 1921, iżda ma setax iżżomm din il-kariga minħabba li kien saċerdot. **Triq il-Kappillan Franġisk Azzopardi (1614-1676),** tfakkarna f' saċerdot mimli ħeġġa għall-erwieħ fdati f' idejh. Huwa miet bil-marda tal-pesta li laqtet lil Malta speċjalment lill-ibliet li jmissu mal-Port il-Kbir. Huwa marad waqt il-ħidma pastorali tiegħu ma' dawk milqutin bil-pesta.



*Mons. Injazju Panzavecchia li, għal xi żmien, kien prokuratur ta' l-Ospizju, Sant'Anna.*

Ix-Xatt sabiħ ta' l-Isla riċentament ġie msemmi **Xatt Juan B. Azopardo (1772-1848)**. Dan kien mill-Isla. Kien bniedem li waqqaf in-*navy* Arġentina. F' dawn l-aħħar sentejn, bit-tħabrik tal-Kunsill Lokali twaqqaf monument imsemmi għalih f' dan ix-Xatt, li ġie inawgurat nhar is-Sibt 16 ta' Ġunju, 2001, mill-Eċċ. Tiegħu, il-President ta' Malta, il-Profs. Guido De Marco.



*Strada Gregale qabel il-gwerra.*

## Toroq Oħra

**Triq il-Ponta** hija triq dejqa ħafna li twassal għat-tarf ta' l-Isla, magħrufa aktar bħala l-Ponta ta' l-Isla.

Triq oħra hija **Triq il-Grigal**. **Triq il-Mina tax-Xatt**, twasslek għax-xatt. **Triq it-Tarzna** ħadet l-isem tagħha mit-Tarzna, li kważi ddawwar l-Isla.

## Għeluq

Ninsab konvint li wara li qrajtu dan l-artiklu, wieħed iktar jista' jibda japprezza l-ismijiet tat-toroq, u x' wassal biex it-toroq f' din il-belt ta' l-Isla għandhom dak l-isem. Mill-ismijiet tat-toroq wieħed ukoll jinduna xi storja kbira sawret din il-belt matul il-medda tas-snin.


**SOUTHERN STYLE** Fried Chicken

Sit and enjoy the magnificent view of Marsascala Bay and try our Delicious Selection of:
Crispy Chicken Pieces • Chicken Fillets • Kebabs • Nuggets
• Homemade Chicken Spicy Bites • Spare Ribs • Burgers

**Marina Street, Marsascala**
**Tel: 2163 4107**

***OUR SPECIALITY***
***RABBIT IN WINE GRAVY***